# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 35**
**Rikors Guramentat Numru : 1067/2016/LSO**

**Paul Attard Portughes [ID 162146M] bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Vincent David sive David Cachia [Passaport Ingliz Nru 501965019]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Paul Attard Portughes [ID162146M] bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Vincent David sive David Cachia [Passaport Ingliz Nru 501965019] datat 24 ta’ Novembru 2016 fejn espona: -

Illi r-rikorrent Cachia twieled fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (1949) u gie moghti l-isem 'Vincent David' (*vide* d-dokumenti annessi u mmarkati Dok A u Dok B).

Illi minkejja dan, sa minn tfulitu, ir-rikorrent Cachia dejjem gie msejjah 'David' mill-familjari tieghu (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok C u D) u kif ukoll mill-hbieb, u ghamel zmien twil bl-impressjoni li ismu proprju kien 'David'. Fil-fatt ir-rikorrent Cachia sar jaf li kien gie moghti l-isem 'Vincent' bhala l-ewwel isem u li jipprecedi l-isem li dejjem gie msejjah bih, cioe`, 'David', meta kellu disa' (9) snin, izda qatt ma gie msejjah b'dak l-isem u f'hajtu kollha r-rikorrent kien maghruf bhala u gie msejjah unikament bhala 'David'.

Illi r-rikorrent Cachia nhargulu diversi passaporti fir-Renju Unit (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E1) u fil-fatt, wara li saret il-procedura appozita, fuq dawn id-dokumenti ufficjali ismu gie indikat bhala 'David'.

Illi l-anness *statement* rilaxxjat minn IAG International Airlines Group (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E2), l-annessa kopja ta' biljett tal-ajru (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E3), l-ittra mibghuta minn Abbey National p.l.c. dwar facilita` bankarja (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E4), l-ittra mibghuta minn Santander dwar facilita` bankarja (*vide* d-dokument hawn anness u mmarkat Dok E5), zewg *payslips* mahruga fir-rigward tar-rikorrent Cachia minn British Airways (*vide* d-dokumenti anness u mmarkati Dok E6 u E7), it-testment tar-rikorrent Cachia (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E8), l-affidavit tar-rikorrent Cachia stess (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E9) ic-certifikat taz-zwieg tieghu (*vide* d-dokument anness u mmarkat Dok E10, li qed jigi pprezentat *animo ritirandi)* kollha juru illi matul is-snin, fil-hajja tieghu ta' kuljum ir-rikorrent Cachia kien maghruf bhala u dejjem saret riferenza ghalih bhala 'David' u mhux bhala 'Vincent'. Id-dokumenti annessi ikopru perjodu sostanzjali ta' zmien, u jmorru lura sas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992).

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn din l-Qnorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrent kien konsistentement imsejjah bl-isem 'David' minflok bl-isem li jidher fuq l-att tat-twelid bhala l-isem moghti lilu;

2. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-

numru 2228/2016 jigi mibdul fis-sens illi fil-kolonna "Isem il-Wild" l-isem "Vincent David" jigi sostitwit bl-isem 'David';

3. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-bdil hekk effettwat fl-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 2228/2016 jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta’ Dicembru 2016 (fol 37) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Art ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elfejn mitejn u tmienja u ghoxrin (2228) tas-sena

elfejn u sittax (2016), li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'David' minflok 'Vincent David' salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Robert Galea u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi u talbu li l-kawza

tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-28 ta' Novembru 2016 (fol 33) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu kif registrat fic-certifikat tat-twelid jigi korrett fis-sens li l-isem "Vincent David" jigi sostitwit bl-isem "David".

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u huwa maghruf konsistentement bl-isem "David". Ghal dan il-ghan, esebixxa serje ta' dokumenti, fosthom kopja ta' zewg passaporti Inglizi Dok E1, ittri u *payslips* mahruga mill-British Airways, testment tal-istess

rikorrent Dok E8, kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg, Dok E10, fejn f'dawn id-dokumenti huwa mnizzel bhala "David".

Inoltre`, r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn afferma b'mod dettaljat kif konsistentement kien maghruf bl-isem David. Dan hu korroborat mix-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa kien konsistentement maghruf bl-isem "David" u t-talba tieghu hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numri u s-snin relattivi. Ghalhekk, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrent il-possibilita` li jiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent kien konsistentement maghruf u msejjah bl-isem "David."

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li a tenur tal-artikolu 253, l-att tat-twelid numru 2228/2016 jigi korrett fis-sens li fil-kolonna "Isem il-wild", l-isem "Vincent David" jigi sostitwit bl-isem "David".

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-intimat *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2017**